**1 ta' Ġunju, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Angelo Farrugia

*versus*

Louis Camilleri *et noe*

**Nullità – Appalt – Bejgħ – Difett Moħbi – Azzjoni Redhibitoria**

*L-attur istitwixxa l-azzjoni redhibitoria għaliex ippretenda illi l-irħam fornit kien fih difetti moħbija u talab ir-rexxissjoni tal-kuntratt u rifużjoni tal-prezz imħallas. Il-Qorti tal-Kummerċ ċaħdet it-talbiet attriċi għaliex ikkonkludiet illi ċ-Ċitazzjoni kienet nulla.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi ċ-Ċitazzjoni ma kinitx nulla u rrilevat illi l-konvenut kien kontumaċi.*

*Meta appaltatur jintraprendi opra li fiha jagħti mhux biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu imma anki jfornixxi l-materjal, dak l-appalt huwa affini għall-bejgħ. Il-Qorti ta' l-Appell qagħdet fuq ir-rapport tal-Perit u fil-kontumaċja tal-konvenut laqgħet it-talbiet attriċi.*

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tas-27 ta' Ġunju, 1990, li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:

''Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut daħal *(lapsus* għall-konvenuti *nomine* daħlu) f'kuntratt ta' appalt ma l-attur fejn dan *(lapsus* għal dawn) kellu jipprovdilu u jqiegħdlu l-irħam, kif jirriżulta mill-iskrittura annessa maċ-ċitazzjoni bħala dokument 'A'; illi l-madum *de quo* kellu difett moħbi u peress illi l-attur ħallas seba' mija u disgħin lira (Lm790); l-istanti talab (1) illi din il-Qorti tiddikjara li l-madum in kwistjoni kellu difett latenti; u (2) tirrexxindi l-kuntratt ta' l-appalt in kwistjoni u tordna li l-konvenut jirrifondi lura s-somma ta' Lm790, rappresentanti l-flus li l-attur ħallas lill-konvenut, bl-ispejjeż u bl-imgħax;

Rat illi l-konvenuti *nomine* kienu ġew debitament innotifikati bl-atti tal-kawża; però baqgħu kontumaċi;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' April, 1990, li permezz tiegħu innominat lil AIC Ian Zammit bħala perit, biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attriċi, u jagħmel l-osservazzjonijiet

kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit ġudizzjarju, minnu maħlufa fl-udjenza tat-13 ta' Ġunju, 1990;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u,

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Tiddeċiedi billi tillibera lill-konvenuti *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż għall-attur';

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuti *nomine* appellati;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Essenzjalment il-petizzjoni ta' l-attur appellant tikkonsisti f'diversi sottomissjonijiet biex jikkonvinċi 'l din il-Qorti li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx iġġustifikata tasal għall-konklużjoni li l-użu tal-kelma "madum" fiċ-ċitazzjoni kellu jkollu l-konsegwenzi li waslet għalihom dik il-Qorti. F'dan ir-rigward

huwa għandu diversi lmenti u partikolarment jilmenta mill-fatt li għalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti kienet konxja diġà mid-diffikultà li kienet qed tara minħabba l-użu tal-kelma "madum" għaddiet biex tappunta perit tekniku espert fl-irħam kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-28 ta' Marzu, 1990;

Effettivament, din il-Qorti wara li eżaminat il-proċess kollu hi tal-fehma li jidher li l-ewwel Onorabbli Qorti interpretat is-sinifikat tal-kelma madum ristrettivament wisq u eskludiet li l-istess kelma tista' tinkludi wkoll it-taraġ ta' l-irħam li jifforma l-mertu tal-kawża. Din il-Qorti però sempliċement ma tistax taqbel mal-konklużjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti għaliex għalkemm it-terminoloġija użata mill-attur fiċ-ċitazzjoni mhix xi waħda li għandha sservi ta' mudell għall-futur, fl-istess ħin hu ovvju l-ewwel li l-kelma "madum" hemm użata qed tirreferixxi għall-irħam li kien l-oġġett ta' l-appalt u t-tieni illi fl-użu komuni l-kelma "madum" tkopri diversi tipi ta' madum, minn dak taċ-ċeramika sa dak ta' l-irħam. Forsi l-aħjar prova f'dan ir-rigward jipprovdiha l-istess perit tekniku li meta xehed fil-prim'istanza fit-13 ta' Ġunju, 1990 jirreferi għall-irħam *de quo* bħala "il-madum" almenu f'żewġ okkażjonijiet – jiġifieri l-istess perit tekniku wkoll juża t-terminu ġeneriku "madum" b'riferenza għall-irħam imqiegħed mill-konvenuti *nomine* appellati;

F'dan ir-rigward jista' jiġi rrilevat ukoll li f'dan l-istadju l-appellant f'ċertu mument intavola talba permezz ta' rikors biex jikkoreġi ċ-ċitazzjoni u l-konvenuti appellati, evidentement biex jinnewtralizzaw il-kontumaċja tagħhom, avolja s-sentenza appellata kienet unikament ibbażata fuq l-użu tal-kelma madum, kienu propensi, anzi ddikjaraw li huma ma jopponux għall-korrezzjoni purchè jiġu nnotifikati mill-ġdid, li juri li

effettivament anqas fil-każ tagħhom ma jista' jingħad li kienu qed jaraw il-konfużjoni li rat l-ewwel Onorabbli Qorti;

Sfortunatament jista' jiżdied li jidher li l-ewwel Onorabbli Qorti bil-fors li ġiet influwenzata min-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li għalkemm minħabba l-kontuamċja mhux suppost li baqg̀het fil-proċess, fil-fatt baqgħet ma ġietx sfilzata. Dana qed jingħad għaliex fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet il-konvenuti kienu ssottomettew li ċ-ċitazzjoni ma kinitx ċara biżżejjed minħabba l-użu tal-kelma "madum", però anki f'dan ir-rigward jista' jingħad illi anki mill-istess mod kif kienu ppruvaw jikkontestaw il-każ il-konvenuti hu ovvju illi ma kellhomx ebda dubju dwar x'verament kien il-mertu tal-kawża. Fi kwalunkwe każ, però, dik in-nota ta' l-eċċezzjonijiet mhux suppost li baqgħet fil-proċess;

L-ewwel konklużjoni li għalhekk qed tasal għaliha din il-Qorti hija li l-użu tal-kelma "madum" ma kinitx tali li kellha tirrendi ċ-ċitazzjoni mhux ċara kif anqas ma tħalli vojta jew mankanti l-kawżali taċ-ċitazzjoni. Għal din ir-raġuni s-sentenza appellata ser tiġi rrevokata u din il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-mertu;

Għal dak li hu mertu din il-Qorti tara li għandha tistrieħ fuq il-konklużjonijiet ta' l-espert innominat mill-ewwel Onorabbli Qorti u li jinsabu fir-relazzjoni tiegħu a fol. 59 sa 61 tal-proċess;

Fil-qosor, il-konklużjonijiet tal-Perit u Arkitett Ċivli Ian Zammit kif jemerġu mir-relazzjoni tiegħu huma fis-sens li l-attur għandu raġun ma jikkonsidrax it-taraġ sodisfaċenti, illi d-difett huwa diffiċli ħafna biex jiġi rrimedjat u li d-difett irriżulta mhux min-nuqqas ta' sengħa fix-xogħol min-naħa tal-konvenuti imma minħabba li l-materjal huwa ta' kwalità inferjuri, ħaġa li hija

diffiċli ħafna biex wieħed jipprevedi peress illi għall-biċċa kbira tal-minerali naturali, l-irħam ivarja fil-kwalità minn parti għall-oħra ta' l-istess barriera. L-istess perit jissottometti wkoll li f'dan il-każ mhux xi parti waħda jew tnejn fejn hemm id-difett imma l-biċċa l-kbira mill-irħam jimmanifesta l-istess difett. L-istess perit jirrileva wkoll illi kieku kellu jinqala' l-irħam in kwistjoni l-attur ikollu joħroġ somma flus ferm iktar milli ħareġ biex jiksi t-taraġ bl-irħam peress li x-xogħol għola sostenzjalment. Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni li l-konvenuti għamlu diversi tentattivi biex forsi jsibu rimedju però d-difetti baqgħu hemm. Meta xehed il-perit Zammit qal illi l-probabbilità hija li meta tqiegħed il-madum id-difett ma kienx jidher u dan billi jkun mimli trab fil-pori stess u d-difett jibda jidher wara li jibda jinħasel maż-żmien wara li jkun ġie *polished;*

Din il-Qorti għalhekk tara li fuq il-bażi tal-provi l-allegazzjoni *li l-irħam* kellu difett latenti hija sufficjentement ippruvata;

Ikkunsidrat:

Illi kif ġie diversi drabi deċiż minn dawn il-Qrati meta appaltatur jintraprendi opra *li fiha* jagħti mhux biss *ix-xogħol* jew is-sengħa tiegħu, imma anki jfornixxi l-materjal, dak l-appalt huwa affini għall-bejgħ;

L-attur, f'dan il-każ għażel li jistitwixxi l-azzjoni redibitorja mhux dik *aestimatoria;*

Il-bażi ta' din l-azzjoni tirrisjedi fl-obbligu li l-bejjiegħ għandu li jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija

maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom. Skond l-artikolu 1426 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) imbagħad il-bejjiegħ iwieġeb għad-difetti latenti wkoll jekk ma kienx jaf bihom, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il-każ, m'għandux ikun obbligat għall-ebda garanzija;

Issa fil-kuntratt Dok. "A" a fol. 4 tal-proċess jidher li waħda mill-kundizzjonijiet kienet espressament tgħid illi "Difetti naturali fil-materjal mhux possibilment jiġu evitati". Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-klawsola kien ikollha xi valur kieku kien il-każ illi d-difetti naturali kienu jikkostitwixxu l-eċċezzjoni, imma f'dan il-każ, kif sewwa rrileva l-perit Zammit tista' tgħid l-irħam kollu huwa difettuż u dan ibiddel l-istampa kompletament partikolarment tenut kont li kif irrelata l-perit Zammit l-irħam fornit huwa "ta' kwalità inferjuri". Infatti ma jistax jiġi kkonċepit li l-klawsola indikata kienet tfisser li l-konvenuti kienu qed jeżimu ruħhom minn kull garanzija sal-grad li jistgħu jfornixxu rħam prattikament kollu kemm hu ta' kwalità inferjuri;

F'dan il-każ, il-konvenuti huma kontumaċi, u għalhekk ma jistax ikun hemm kwistjonijiet oħra li jistgħu jostakolaw it-talba ta' l-attur anki peress li m'hemm xejn li din il-Qorti tista' tissolleva *ex officio;*

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti *nomine* appellati.